**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 22 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 31/2012 AF**

**Christopher Cassar**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru,**

**Kummissarju tal-Pulizija,**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Christopher Cassar li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-2004 u gie akkuzat b'dawn l-imputazzjonijiet:

Talli fid-19 ta' Awwissu 2004 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

(1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati kriminali fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimteru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22 (3)(II) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(3) aktar, talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' u Sitt Taqsimiet tal-istess Ordinanza, u meta ma kellux licenzja jew xort'ohra awtorizzazzjoni li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 29211939), kif sussegwentement

emendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat Christopher Cassar talli kiser il-kundizzjonità sentenza ta' sentejn habs sospiza ghal erba' snin, imposta fuqu minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Jannar 2001.

B'sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet premessi, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-esponent hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, b'assorbiment tat-tielet imputazzjoni, u wara li rat l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsima 4 u 6 tal-Kap, 101, Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 29211939), kif emendati, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 288 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat ghal sentejn prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputat ghamel f'arrest preventiv, u kkundannatu ghal multa ta' elf Lira Maltin (Lm1,000), u dan fil-konfront tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Inoltre, l-istess Onorabbli Qorti irrendiet operattiva s-sentenza sospiza datata 19 ta' Jannar 2001 (dokument DTX a fol. 92), u kkundannatu ghal sentejn prigunerija, u dan fil-konfront tar-raba' imputazzjoni.

L-ewwel zewg aggravji mressqa mir-rikorrent fir-rikors ta' l-appell tieghu huma s-segwenti:

"1. Illi f'pagna 3 tas-sentenza appellata nsibu li giet ipprezentata Nota ta' sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni bid-data tat-8 ta' Mejju 2006. Dokument bhal dan ma jistax jigi sottovalutat. Fih, il-Prosekuzzjoni gabret il-kaz taghha kontra l-akkuzat u, necessarjament, ippruvat tigbed kemm jista' jkun lill-Qorti tal-Magistrati ghan-naha tal-Prosekuzzjoni. Din in-Nota ta' sottomissjonijiet dahlet fil-process bejn differiment u iehor (l-ahhar differiment kien dak tal-5 ta' Mejju 2006 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza, u dak ta' warajh kien dak tal-15 ta' Gunju 2006 meta l-kaz rega' thalla ghas-sentenza). Il-Prosekuzzjoni kellha tipprezenta n-Nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-visto tad-difiza, izda dan ma sarx. Il-Prosekuzzjoni

setghet almenu baghtet kopja lill-avukat difensur billi tikkonsenja kopja 'seduta stante' lill-imputat biex jghaddihielu, izda lanqas hekk ma ghamlet. B'rizultat ta' dan in-nuqqas da parti tal-Prosekuzzjoni, id-difiza baqghet ma saritx taf li l-Prosekuzzjoni kienet ipprezentat is-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub. Lanqas l-imputat ma kien jaf, peress li n-nota ma gietx ipprezentata fl-udjenza izda fir-Registru. Il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati, ghalkemm ma giex innotifikat lid-difiza, kien car hafna u kien fih ordni biex in-Nota tigi pprezentata mill-prosekuzzjoni bil-visto tad-difiza:

> Sabiex din il-kawza ma tibqax aktar incjampata il-Qorti qieghda thalli din il-kawza ghas-sentenza u dan bil-fakultà illi l-Ufficjal Prosekutur jesibixxi nota ta' sottomissjonijiet sad-9 ta' Mejju 2006 bil-visto tal-kontroparti [li jkollha] sal-15 ta' Mejju 2006 sabiex tipprezenta nota taghha.

In-nota tal-prosekuzzjoni tinsab a fol. 163 tal-process. Ghandha d-data tal-prezentata fuqha 8 ta' Mejju 2006, izda ma hemm l-ebda visto tad-difiza, u ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi notifika lill-imputat.

In-nuqqas tal-Prosekuzzjoni huwa imputabbli lilha biss. Din l-omissjoni hija serja ghaliex id-difiza ma kienitx a konoxxenza tas-sottomissjonijiet bil-miktub da parti tal-Prosekuzzjoni. Kieku nghatat kopja mill-Prosekuzzioni, id-difiza kienet tkun f'pozizzjoni li tirribatti tali sottomissjonijiet. Izda, peress li ma kienitx taf bihom, id-drittijiet tad-difiza gew manifestament ivvjolati. Illi ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa wiehed procedurali u jikkostitwixxi, fil-fehma tal-esponent, ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq li f'pajjizna huwa ggarantit kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta (Art. 39) kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).

Irrizulta issa lid-difiza (ara pagna 3 tas-sentenza appellata fejn tissemma n-Nota), illi fl-imsemmija Nota taghha, il-Prosekuzzjoni rrimarkat dwar l-"assenza ta' provi in difeza", dwar ix-xiehda bil-gurament ta' zewg zghazagh (Patrick Spagnol u Rodney Vella) dwar l-artikoli 30 u 30A tal-Kap. 101 li jipprovdi dwar xiehda ta' terzi li tkun tinkrimina lill-imputat

minghajr il-htiega ta' korroborrazzjoni, dwar ix-xiehda tal-pulizija, dwar l-intervent li l-pulizija ghamlet fuq Patrick Spagnol, dwar l-aggravju tal-100 metru a tenur ta' l-art. 22 Kap. 101, u dwar li l-prosekuzzjoni thoss li kienet ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-Ligi, u fl-ahharnett talbet li Christopher Cassar jinstab hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Bir-rispett jigi sottomess, illi huwa hazin bizzejjed li llum il-gurnata tista' tinstab il-htija fir-rigward ta' persuna a bazi ta' dikjarazzjoni bil-gurament ta' terza persuna minghajr il-htiega ta' korroborazzjoni.  Izda meta l-prosekuzzjoni tigbor is-sottomissioniiiet finali taghha permezz ta' Nota u ma timpenjax ruhha li taghti kopja, jew tibghat kopja, jew tinnotifika kopja lill-imputat, allura l-Gustizzja ma tkunx qed tigi obduta, segwita u servuta kif inhu xieraq.

Mhux kull omissjoni twassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq.  Izda meta l-omissjoni tkun sehhet f'dawn ic-cirkostanzi, allura jkun hemm nuqqas ta' smigh xieraq.  Huwa innegabbli li l-istadju finali tal-kawza huwa stadju importanti u hadd hlief td-difiza ma ghandu l-obbligu u l-oneru li jaghzel kif ghandu jiddefendi lill-persuna akkuzata.  Izda meta l-gudizzju jew 'assessment' tad-difiza jigi mharbat billi tigi pprezentata Nota ta' sottormissjonijiet ad insaputa ta' l-akkuzat, il-konkluzjoni hija cara u univoka, u cioè li kien hemm nuqqas ta' smigh xieraq.

It-tieni aggravju jirrigwarda proprju l-applikazzjoni ta' l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi fil-Kap. 101 li tippremetti li jkun hemm sejbien ta' htija a bazi ta' dikjarazzjonijiet bil-gurament ta' terzi persuni minghajr il-htiega ta' korroborazzjoni.  Il-validità kostituzzjonali ta' tali dispozizzioni qieghda tigi hawnhekk ikkontestata mill-imputat.  Din id-dispozizzjoni nehhiet is-serenità gudizzjarja li s-sejbien ta' htija jkun imsejjes fuq bazi soda, cioè l-htiega ta' korroborazzjoni, fejn it-terz ikun persuna li huwa meqjus komplici fis-sens tal-ligi. "X" ikollu problemi mal-pulizija u, midhla sew tax-xena tad-droga f'Malta, joffri lill-pulizija d-dikjarazzjoni guramentata tieghu fil-konfront ta' persuna ohra "Y" bil-ghan li jikseb attitudni iktar 'ratba' min-naha tal-pulizija (kemm jekk il-pulizija tkun konsapevoli dwar x'ikun jixtieq jikseb "X", kemm

ukoll jekk il-pulizija ma tkunx taf x'qed jipprova jikseb l-istess "X". Hadd ma jista' jichad li dan hu mod perikoluz kif tirrizulta l-htija ta' "Y". Hawnhekk, donnu l-legislatur tajjar il-mantell tal-prudenza gudizzjarja u ddecieda li m'ghandux ghalfejn ikun kawt daqs qabel u bhal qabel.

Il-legislatur ma kkrea l-ebda kontrobilanc ghal dina l-mizura drastika. Ma ntroduca l-ebda salvagward gdid bhala kontrobilanc biex jinzamm l-ekwilibriju mehtieg. Minflok, introduca mizura li fl-istorja tal-legislazzjoni f'Malta qatt ma kien hawn bhalha, u nehha s-salvagward tal-htiega ta' korroborazzjoni.

Kif ftahret fin-Nota taghha mill-pozizzjoni indebitament vantaggjata li nghatat il-prosekuzzjoni b'din id-dispozizzjoni tal-Kap. 101:

> Abbazi tal-artikolu 30A tal-Kap. 101 Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda guramentata ta' dawn iz-zewg persuni giet prezentata fl-atti ta' din il-kawza bhala prova shiha u integra rninghajr ebda bzonn ta' korroborazzjoni.

u aktar 'il fuq:

> ...Ta' min isemmi f'dan il-kuntest illi taht il-Kap 101 Ligijiet ta' Malta l-artikoli 30 u 30A jispecifikaw illi minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 639 tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minghand persuna ohra m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra biex din l-istess xhieda tkun prova shiha u valida fil-mori ta' kawza kriminali.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni ghad ghandha l-onus li tipprova l-htija u li taghmel dan sal-grad ta' certezza morali ossia minghajr dubju ragonevoli, il-mezz li nghatalha mil-legislatur biex tasal hemm huwa wiehed nieqes mis-salvagward legali tal-korroborazzjoni. Ir-rizultat ma jistax hlief ikun rizultat unsafe. Anke jekk ikollok process li hu error-free, li mhux il-kaz hawnhekk minhabba n-Nota tal-prosekuzzjoni, xorta wahda jibqaghlek a lurking doubt jekk tkunx saret xi ingustizzja minhabba illi l-ghodda adoperata ghas-sejbien ta' htija

ghandha nieqes fiha salvagward importanti hafna - il-korroborazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-komplici! Hu proprju ghalhekk illi l-esponent qed jikkontesta l-kostituzzjonalità ta' l-artikolu 30A tal-Kap. 101.

Kif intqal qabel, il-pulizija qed isserrah il-kaz taghha (pagna 1 tan-Nota) fuq stqarrijiet mehuda mill-Pulizija lil zewg individwi li ghandhom il-vizzju tad-droga, u qed tinalza dawn l-istqarrijiet ghal-livell ta' xiehda 'viva voce' bil-gurament:

> "...ipprokura l-eroina lil zewg zghazagh li t-tnejn li huma ghandhom il-vizzju tad-droga eroina w li t-tnejn li huma ghazlu li jergaw jikkonfermaw bil-gurament viva voce l-istqarrijiet distinti li huma kienu rrilaxxaw w igguramentaw quddiem din il-Qorti diversament preseduta."

Dan avolja hemm distinzjoni netta bejn il-mod kif jittiehdu l-istqarrijiet mill-Pulizija investigattiva u xhieda quddiem organu gudizzjarju mehuda 'viva voce'. Li stqarrija rilaxxjata lill-Pulizija tigi kkonfermata bil-gurament hija xi haga li tigri ta' sikwiet, izda din hi malprassi, tant hu hekk illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ma accettatx dan il-metodu bhala gbir ta' xiehda 'viva voce' fis-sens tal-ligi (ara sentenza preliminari fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs. Francis Casaletto, Qorti ta' l-Appell Kriminali, snin, Tmenin).  Ghalhekk ukoll, kien hernm vjolazzloni palesi tad-drittijiet tal-appellant.

Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2007 quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, gie rregistrat dan il-verbal bil-ghan li l-appellant jaghmilha possibbli ghall-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li tipprovdi rimedju ordinarju limitatament ghall-ewwel aggravju:

> "Dr. Azzopardi ghall-appellant, b'riferenza ghall-ewwel aggravju tieghu, jitlob illi mir-rikors tal-appell fil-paragrafu penultimu tat-tielet pagna jithassru l-kliem fl-ahhar erba' linji tieghu rrinn "u jikkostitwixxi ... sa (Kap. 319)."
>
> Il-Qorti b'riferenza ghat-tieni aggravju li hu wiehed strettament ta' natura Kostituzzjonali u tad-Drittijiet Umani takkorda gimgha zmien millum lir-rikorrent appellant biex

jintavola ir-rikors kostituzzjonali opportun quddiem il-Qorti kompetenti, li kopja tieghu ghandha tigi pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti mhux aktar tard mill-Gimgha 5 ta' Ottubru 2007.

Differit ghat-18 ta' Ottubru 2007 sabiex il-partijiet jidderigu ruhhom."

Ir-rikorrent talab lill-istess Onorabbli Qorti "tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi."

Ir-rikorrent ihoss gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu, senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), u dan sija minhabba li gie vvjolat id-dritt tieghu ghal process gust, sija wkoll minhabba li l-mod kif l-Ewwel Onorabbli qorti waslet ghas-sejbien ta' htija bl-applikazzjoni tal-artikolu 30A tal-Kap. 101 jilledi d-drittijiet tieghu minhabba li l-imsemmija dispozizzjoni tivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta (art. 39) kif ukoll l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).

L-esponent ipprezenta Rikors Kostituzzjonali Numru 51/2007 fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili:

Wara li l-kawza nstemghet, u l-partijiet ressqu l-provi taghhom u pprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet relattivi, il-kawza precitata fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2010 giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2011.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2011 il-Qorti osservat illi n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali ma kienitx ghadha giet notifikata lir-rikorrent, liema nota eventwalment giet notifikata lir-rikorrent.

Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011 il-Qorti ddiferiet il-kawza ghall-5 ta' Dicembru 2011 u ghamlitha cara li "f'dik id-data l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza."

Izda minflok, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 il-Qorti kkancellat il-kawza mill-lista.

Ghalhekk l-esponent jinsab kostrett jipproponi mill-gdid din il-kawza kostituzzjonali, filwaqt li jirriserva l-pozizzjoni u l-jeddijiet tieghu fir-rigward tal-kancellament tal-kawza meta din kellha, suppost, skond il-verbal tas-seduta precedenti, tigi diferita ghas-sentenza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li n-nuqqas ta' notifika jew komunika lid-Difiza tan-Nota ta' sottomissjonijiet finali pprezentata mill-Prosekuzzjoni illediet id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq u process gust, in kwantu d-difiza ma kellhiex l-opportunità li tirribatti s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

2. Tiddikjara li l-mod kif l-Ewwel Onorbbli Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija bl-applikazzjoni tal-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jilledi d-dritt tar-rikorrent.

3. Tiddikjara illi l-artikolu 30A tal-Kap. 101 jilledi d-drittijiet tad-difiza tar-rikorrent, liema drittijiet jinsabu iggarantiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari, l-Prim Ministru u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

In linea preliminari ukoll, it-talbiet kif dedotti fir-Rikors promotur ghandhom jigu michuda stante li r-rikorrent ghazel li ma juzufruwixxix ruhu mir-rimedju ordinarju li jikkonsisti f'proceduri identici u issa li s-sentenza hija *res judicata* ma jistghax iwahhal fil-Pulizija Ezekuttiva. Ghal dan il-ghan, l-esponenti jitolbu li jigu allegati l-atti tar-Rikors numru 51/07 (FS) li gie ikkancellat stante li r-rikorrent naqas milli

jottempera ruhu mal-provvedimenti tal-Kap 12. Inoltre, ir-rikorrent ma esawrixix ir-rimedji ordinarji anke fil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent stante li huma pendenti fl-appell u dan jidher li hu tentattiv iehor sabiex ittawwal l-istess proceduri kriminali. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponenti intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors promotur u jirrilevaw li c-cirkostanzi kif dedotti fl-istess Rikors ma jipprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent billi l-pretensjonijiet tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti motivi:

Ir-rikorrent qed jintavola l-azzjoni odjerna a bazi tal-fatt li l-Prosekuzzjoni pprezentat nota ta' sottomissjonijiet minghajr il-*visto* tad-Difiza meta effettivament ma hemmx dubju li l-imsemmija nota ta' sottomissjoniet inghaddiet minn PC 554 George Zammit lid-Difiza;

Fi kwalunkwe kaz, jirrizulta mill-process kriminali li l-imsemmija nota tal-Prosekuzzjoni giet intavolata fit-8 ta' Mejju 2006, filwaqt li s-sentenza inghatat fid-19 ta' Gunju 2007 u cioe aktar minn sena wara li giet ipprezentata u ghalhekk id-Difiza kellha zmien bizzejjed sabiex taghmel il-verifiki necessarji u tiehu konjizzjoni taghha kieku verament kellha xi dubju;

Ghandu jinghad ukoll, li jirrizulta li l-partijiet anke inghataw l-opportunita li jittrattaw il-posizzjoni taghhom quddiem l-Ewwel Qorti fil-proceduri kriminali u dan il-fatt ukoll gie registrat fl-istess sentenza datata 19 ta' Gunju 2007;

Illi *dato ma non concesso* li n-Nota ma inghatatx lid-Difiza (haga li qed tigi kontestata) ir-rikorrent seta facilment jitlob lil dik l-Qorti sabiex tordna l-isfilz taghha, haga li ghar-ragunijiet tieghu r-rikorrent ghazel li ma jaghmilx;

Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent ghazel li lanqas jottempera ruhu ma' l-Artikolu 199(3) tal-Kap 12 wara li naqas milli juri interess fl-istess Rikors Kostituzzjonali li intavola, apparti li

naqas milli jintavola l-procedura apposita fi zmien ghaxar t'ijiem minn meta l-Onorabbli Qorti ordnat it-thassir tal-kawza minn fuq il-lista;

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet kif dedotti fir-Rikors in risposta, l-esponenti jirribattu li lanqas ma hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li fic-cirkostanzi tal-kaz ix-xhieda li xehdu ma kienux komplici, apparti l-fatt li d-Difiza kellha kull opportunita li taghmel il-kontro-ezami ta' l-istess kif fil-fatt sehh. Ghalhekk, certament ma jistax jinghad li d-Difiza ma kellhiex smigh xieraq;

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti, a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, ir-rikorrent wara li ghazel li ma jottemperax ruhu mar-rimedji provduti fil-ligi, permezz tar-Rikors promotur in risposta qed jattakka lill-esponenti minhabba n-nuqqasijiet ripetuti tieghu stess. Minflok ir-rikorrent ghazel li jintavola r-Rikors odjern identiku li jidher li huwa intiz unikament sabiex ittawwal il-proceduri kriminali, ir-rikorrent imissu ottempera ruhu mal-provvedimenti tal-Kap 12.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kif dedotti fir-Rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent a bazi ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat id-dokument anness.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2012 din il-Qorti ordnat illi jiġu allegati l-atti tal-kawża kostituzzjonali numru 51/2007 fl-ismijiet Christopher Cassar vs Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tat-3 ta' April 2009 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 2014 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati limitatament billi illiberat lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu li ġie mħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri

u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati peress illi ma jirriżultax illi r-rikorrent kellu rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tiegħu qabel intavola l-azzjoni odjerna.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Dan peress illi fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu l-prosekuzzjoni naqset milli tinnotifika lilu jew lill-avukat difensur tiegħu b'kopja tan-nota ta' sottomissjonijiet finali li ġiet ppreżentata minnha fl-imsemmija proċeduri kriminali. Huwa jgħid ukoll illi d-drittijiet tiegħu ġew leżi minħabba l-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali waslet għas-sejbin ta' ħtija bl-applikazzjoni tal-artikolu 30A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll illi l-istess artikolu 30A tal-Kap. 101 jilledi d-drittijiet tiegħu kif garantiti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-każ huma dawn. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 19 ta' Ġunju 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar, ir-rikorrent instab ħati tar-reat tat-traffikar tad-droga eroina, bl-aggravju tad-distanza ta' inqas minn mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ u pussess tad-droga eroina.

Il-Qorti tal-Maġistrati waslet għas-sejbin ta' ħtija wara li kkunsidrat il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni li kienu jinkludu x-xhieda ta' ċertu Rodney Vella u Patrick Spagnol li t-tnejn

kienu rrilaxxaw stqarrija ġuramentata fejn ikkonfermaw li kienu xtraw d-droga mingħand ir-rikorrent. Ix-xhud Patrick Spagnol kien ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwerenti (illum Imħallef) Miriam Hayman filwaqt illi Rodney Vella kien ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Giovanni Grixti. Il-Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija mal-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji tad-Droga li xehedu dwar dak li kienu qegħdin josservaw kif ukoll l-istqarrija ta' Christopher Cassar stess fejn ammetta li kien ilu jabbuża mid-droga għal diversi snin u li l-oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga misjuba fir-residenza tiegħu kienu jappartjenu lilu iżda ċaħad li kien jittraffika d-droga u għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu dwar diversi nies li għamlu kuntatt miegħu fid-dar tiegħu u postijiet oħra. Ir-rikorrent Christopher Cassar għażel li ma jixhidx u li ma jressaq l-ebda provi fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu.

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat illi l-kawża tiġi differita sine die riappuntabbli wara l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali. L-aggravji tal-attur kif kontenuti fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huma identiċi għall-ilmenti li huwa qiegħed iressaq fil-kawża kostituzzjonali tal-lum.

Kif diġà ngħad, ir-rikorrent qiegħed jibbaża l-ilmenti tiegħu fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra hekk:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

L-attur nomine jinvoka wkoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Id-disposizzjoni rilevanti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li tolqot l-ilment tiegħu tinsab fl-ewwel sub inċiż li jaqra hekk:

> "*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

L-ewwel ilment tar-rikorrent huwa li ġie leż id-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq in kwantu li n-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet ippreżentata mill-prosekuzzjoni fil-mori tal-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma ġietx notifikata lilu jew lill-avukat difensur tiegħu u dan minkejja li fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2006 il-Qorti tal-Maġistrati ordnat illi:

> "*Sabiex din il-kawża ma tibqax aktar inċjampata il-Qorti qiegħda tħalli din il-kawża għas-sentenza u dan bil-fakultà illi l-Uffiċċjal Prosekutur jesebixxi nota ta' sottomissjonjiet sad-9 ta' Mejju 2006 bil-visto tal-kontro parti li jkollha sal-15 ta' Mejju 2006 sabiex tippreżenta nota tagħha.*"

L-Avukat difensur tal-imputat (illum rikorrent) kien konsapevoli ta' dan il-verbal in kwantu li l-Qorti għamlet komunika lilu u fil-fatt ta l-visto tiegħu għall-istess verbal. L-imputat kien preżenti għal din is-seduta u allura huwa wkoll kien jaf illi għandha tiġi ppreżentata din in-nota.

Jirriżulta mill-provi li l-Uffiċċjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma ppreżenta n-nota tiegħu fir-reġistru tal-Qorti fit-8 ta' Mejju 2006. L-Ispettur Dennis Theuma jispjega li huwa ħalla

kopja ta' din in-nota ma' PC  554 George Zammit li dak iż-żmien kien stazzjonat fil-binja tal-Qorti.  PC Zammit da parti tiegħu kkonferma li huwa jiftakar li l-Ispettur Dennis Theuma kien għaddilu *envelope* kannella u għamillu premura sabiex jgħaddih lill-Dottor Tonio Azzopardi, l-avukat difensur tar-rikorrent.  Huwa jkompli billi jgħid illi jiftakar li kien għadda dan id-dokument lill-Avukat Azzopardi.   Dottor Azzopardi jiċħad li qatt irċieva kopja ta' din in-nota u jinsisti li huwa sar jaf li ġiet ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet mill-prosekuzzjoni biss meta ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati.  Ir-rikorrent xehed ukoll quddiem din il-Qorti f'dawn il-proċeduri sabiex jikkonferma li l-prosekuzzjoni ma kienet għaddietlu l-ebda kopja ta' din in-nota.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-ordni ta' kwalunkwe Qorti sabiex att ġudizzjarju bħal ma hija nota ta' sottomissjonijiet għandha tiġi notifikata bil-visto tal-kontro parti għandha tiġi rispettata u fuq kollox din l-ordni tingħata għal raġuni, u ċioè, proprju sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-partijiet ma jaqblux jekk il-kopja tal-att ikunx wasal f'idejn il-kontro parti jew le.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u fin-nuqqas ta' prova fil-forma ta' notifika uffiċjali jew visto tal-avukat difensur tar-rikorrent, il-Qorti ssibha diffiċli biex taċċetta bħala veru għax ipprovata l-verżjoni tal-intimati li din in-nota ta' sottomissjonijiet żgur waslet f'idejn l-avukat difensur tal-imputat, illum rikorrent. Dan għaliex qatt ma seta' jiġi aċċertat illi d-dokument li PC George Zammit għadda lill-Avukat Azzopardi kienet proprju kopja tan-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni.  PC Zammit stess jgħid illi l-ispetturi tal-pulizija kienu sikwiet jgħaddulu dokumenti sabiex jgħaddihom lill-avukati in kwantu li huwa kien inkarigat mis-sigurtà tal-binja tal-Qorti u allura kien ta' spiss ikun jista' jgħaddi atti lill-avukati li kien jara regolarment. In kontro eżami PC Zammit jikkonferma li ma kienx jaf x'fih l-*envelope* in kwistjoni u lanqas seta' jiftakar jekk l-Ispettur Theuma kienx għaddilu atti oħra għall-Avukat Azzopardi.  Il-Qorti tifhem li huwa diffiċli għall-PC Zammit li jiftakar kull att li qatt għadda lill-avukati tenut kont illi din kienet prassi regolari tal-prosekuzzjoni kif ukoll tenut kont tat-trapass taż-żmien.

Kien jispetta lill-prosekuzzjoni li ssegwi l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati u ċioè tieħu ħsieb li tingħata l-visto mingħand il-kontro parti kif jiġu ppreżentati dawn is-sottomissjonijiet. L-Ispettur seta' ħa ħsieb ukoll illi fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara li ġiet ippreżentata n-nota in kwistjoni jiġi vverbalizzat li din in-nota ġiet ippreżentata mill-prosekuzzjoni sabiex dan il-fatt jinġieb a konjizzjoni tal-imputat, illum rikorrent jew avukat tiegħu. Iżda l-prosekuzzjoni ma għamlet xejn minn dan u allura din il-Qorti ma tistax tkun konvinta mqar fuq bażi ta' probabbiltà li r-rikorrent jew l-avukat difensur tiegħu kienu konsapevoli li ġiet ippreżentata din in-nota ta' sottomissjonijiet mill-prosekuzzjoni.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jgħid illi mill-perspettiva tal-prinċipju tal-*equality of arms* huwa ma ngħatax il-benefiċċju ta' *an adverserial procedure* minħabba l-fatt li ma ġiex notifikat b'din in-nota ta' sottimissjonijiet.

Fil-każ Huseyn and Others v Azerbaijan (26 ta' Lulju 2011), il-Qorti Ewropea qalet hekk dwar il-prinċipju tal-*equality of arms*:

> *"That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court's decision."*

Hekk ukoll kif ingħad mill-istess Qorti fil-każ A.B. v Slovakia (4 ta' Marzu 2003):

> *"The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his or her opponent."*

Fil-każ ta' Bulut v Austria (22 ta' Frar 1996) imbagħad, il-Qorti Ewropea żiedet ukoll illi:

> *"In this context, importance is attached to appearances as well as to the increased sensitivity to the fair administration of justice."*

Il-Qorti Ewropea tiddeskrivi d-dritt għall-*adversarial proceedings* bħala '*the opportunity for the parties to a criminal or a civil trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed...*' (J.J. v Netherlands tas-27 ta' Marzu 1998).

Speċifikament fir-rigward ta' sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni, fil-kas Fischer v Austria (17 ta' April 2002) il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> "*As regards the contents of submissions filed by the prosecution, the Court recalls further that the principle of equality of arms does not depend on further, quantifiable unfairness flowing from a procedural inequality. It is a matter for the defence to assess whether a submission deserves a reaction. It is therefore unfair for the prosection to make submissions to a court without the knowledge of the defence.*"

L-intimati jsostnu li in kwantu li d-difiża kienet taf li l-prosekuzzjoni ngħatat il-fakolta li tippreżenta n-nota ta' sottimissjonijiet tagħha, liema nota ġiet ippreżentata entro t-terminu mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati, seta' faċilment jiġi vverifikat jekk din in-nota ġietx ippreżentata jew le u dan speċjalment meta wieħed iqis li s-sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' Ġunju 2007 u ċjoe 'l fuq minn sena wara li ġiet ippreżentata n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni mill-prosekuzzjoni. Filwaqt illi l-Qorti tapprezza li huwa minnu li l-avukat difensur tar-rikorrent seta' jivverifika jekk ġietx ippreżentata din in-nota, mill-perspettiva tal-prinċipju ta' *equality of arms*, il-Qorti taqbel mar-rikorrent li ladarba n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni baqgħet ma nġibitx a konjizzjoni tad-difiża kif ordnat mill-Qorti, f'dan il-każ ġie leż id-dritt tar-rikorrent qua imputat għal smigħ xieraq.

Kif ingħad mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Goc v Turkey (11 ta' Lulju 2002):

> "*The Government have contended that the applicant's lawyer should have known that consultation of the case file*

> *was possible as a matter of practice. However, the Court considers that to require the applicant's lawyer to take the initiative and inform himself periodically on whether any new elements have been included in the case file would amount to imposing a disproportionate burden on him..."*

Għaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrent ser tiġi milqugħa.

Imiss issa li jiġi trattat l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-artikolu 30A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*"

Permezz tat-tieni u tielet talbiet tiegħu r-rikorrent qiegħed jattakka din id-disposizzjoni tal-liġi in kwantu li jgħid illi bl-applikazzjoni tagħha fil-konfront tiegħu ġew mittiefsa d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq għaliex m'huwiex meħtieġ illi l-istqarrija ġuramentata u d-depożizzjoni tax-xhieda Rodney Vella u Patrick Spagnol jiġu korroborati b'evidenza oħra.

Il-Qorti tirrileva li huwa l-artikolu 30 tal-Ordinanza jitkellem dwar in-nuqqas ta' ħtieġa ta' korroborazzjoni meta titressaq ix-xhieda ta' persuna li tkun akkwistat id-droga mingħand l-imputat. Għaldaqstant, donnu r-rikorrenti qiegħed jilmenta dwar iż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi in kwantu li huwa jsemmi kemm in-nuqqas ta' bżonn ta' korroborazzjoni skont artikolu 30 kif ukoll illi ġiet ammessa bħala prova l-istqarrija ta' Rodney Vella u Patrick Spagnol skont l-artikolu 30A.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li r-regoli ta' proċeduri huma flessibli, basta li r-riżultat iwassal għal smigħ xieraq meta l-atti tal-kawża jiġu kkunsidrati fl-intier tagħhom (Schenk v Switzerland deċiża fit-12 ta' Lulju 1988).

Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Darren Aquilina vs L-Onorevoli Prim Ministru et tal-31 ta' Mejju 2013:

> *"Illi hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll f'dik patria, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessità ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità taghha."*

Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-każ Van Mechelen and Others v. The Netherlands (23 ta' April 1997):

> *"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law, and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as whole, including the way in which evidence was taken, were fair."*

Huwa prinċipju kardinali fid-dritt penali proċedurali lokali li kemm il-prosekuzzjoni u kemm id-difiża għandhom id-dritt li jressqu x-xhieda tagħhom u jagħmlu kontro-eżami tax-xhieda tal-parti l-oħra.  B'żieda ma dan, skont l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali, salv għal każijiet eċċezzjonali li huma msemmija fl-istess artikolu, ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce fil-preżenza tal-imputat bid-dritt tal-kontro eżami.

Fost il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni hemm il-proċess verbal li fih ikun hemm il-provi kollha miġbura fl-inkjesta maġisterjali, fosthom id-depożizzjonijiet ta' xhieda mismugħa bil-ġurament mill-Maġistrat Inkwirenti skont artikolu 30A tal-Kap. 101.  L-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li dan id-dokument, meta esebit fil-proċess kriminali (u allura meta l-

imputat ikun preżenti), għandu valur probatorju. Dan l-artikolu jkompli billi jagħti d-dritt lill-prosekuzzjoni li tressaq ix-xhieda li jkunu xehedu matul l-inkjesta biex jixhdu fuq materji speċifiċi, kif ukoll jagħti d-dritt li *'...persuna mixlija tista' wkoll ġġib lil kull min trid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha l-kontro-eżami.'*

F'dan il-każ ma jirriżultax illi sempliċiment ġiet preżentata kopja tal-istqarrija ta' Rodney Vella u Patrick Spagnol iżda dawn xehedu viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent, b'dan illi r-rikorrent kellu kull dritt li jagħmlilhom kontro eżami. Ir-rikorrent ma jistax jilmenta mill-produzzjoni ta' dawn l-istqarrijiet daqs li kieku ġew ippreżentati mill-prosekuzzjoni mingħajr mal-konvenut kellu d-dritt li jiddefendi ruħu mill-kontenut tagħhom.

Iż-żewġ xhieda in kwistjoni tressqu mill-prosekuzzjoni bħala parti mill-prova tagħhom naturalment għaliex irriżultalhom li t-tnejn kienu xtraw id-droga mingħand ir-rikorrent. Hawnhekk donnu r-rikorrent qiegħed jipretendi li kull xhud li jitressaq mill-prosekuzzjoni wara li jkun għamel stqarrija għandu jkun ammissibbli biss f'każ illi l-prosekuzzjoni tkun tista' tressaq ukoll prova korroborattiva. Iżda t-teżi tiegħu ma ssib l-ebda konfort fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jew f'dawk tal-Qorti Ewropea.

Fil-każ Camilleri v Malta (16 ta' Marzu 2000) il-Qorti Ewropea qalet proprju hekk:

> *"The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use of evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraph 3 [d] and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him or her either when the witness is making a statement or at a later stage*

*of the proceedings [see Saidi v France judgment of 20 September 1993.... ; Van Mechelen and Others v the Netherlands judgment of 23 April 1997].*

*With these principles in mind the Court notes that the applicant was able to call GF. At his trial before the Court of Magistrates and to cross-examine him as to the reasons which led him to make the incriminating statement. In the Court's opinion the opportunity allowed to the applicant to undermine the probative value of that statement more than compensated for any alleged disadvantage which may have resulted from the fact that the statement was made in circumstances in which he was unable to challenge its veracity. It cannot be maintained therefore that the rights of the defence were not secured at the trial."*

Fil-każ Kostovski v Netherlands (20 ta' Novembru 1989) ingħad hekk mill-Qorti Ewropea:

*"In principle, all the evidence must be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument (see the above-mentioned Barberà, Messegué and Jabardo judgment, Series A no. 146, p. 34, § 78). This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 (art. 6-3-d, art. 6-1) provided the rights of the defence have been respected.*

*As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage of the proceedings (see, mutatis mutandis, the Unterpertinger judgment of 24 November 1986, Series A no. 110, pp. 14-15, § 31)."*

L-artikolu 30A stess jipprovdi li sabiex x-xhieda taħt dak l-artikolu tiġi ammessa bħala prova, trid tkun ingħatat *volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi* u allura s-salvagwardji li qiegħed jilmenta r-rikorrenti li huma nieqsa fil-fatt jinsabu fl-artikolu stess.

Fil-proċeduri kriminali in kwistjoni, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova u għażel li lanqas jagħmel kontro eżami tax-xhieda li jilmenta minnhom minkejja li kellu kull dritt li jagħmel dan. Ma jistax issa jilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq meta huwa ma għamel xejn sabiex jiddefendi ruħu minn dak li xehedu. Id-dritt għal smigħ xieraq ma jinkludix fih id-dritt li kull xhud li jitressaq mill-prosekuzzjoni għandu jkun ammissibbli biss f'każ li titressaq ukoll prova korroborattiva, sakemm l-imputat ikollu dritt li jagħmel kontro eżami ta' dawk ix-xhieda u jressaq prova fir-rigward tal-veraċità tagħhom.

Il-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx marbuta li taċċetta l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn dawn x-xhieda, u bħal kull prova oħra li tiġi miġjuba quddiemha setgħet tarbel u tanalizza dak li xehdu Rodney Vella u Patrick Spagnol u tasal għal konklużjonijiet raġġunti tagħha dwar il-ħtija o meno tal-imputat.

B'żieda ma dan, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati xehedu wkoll il-pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzju tad-Droga li interċettaw lill-Patrick Spagnol wara li xtara d-droga mingħand ir-rikorrent u sabuh proprju b'din id-droga għadha fil-but tieghu. Xehedu wkoll dawk il-pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzju tad-Droga li għamlu tfittxija fir-residenza tar-rikorrent. Għaldaqstant, lanqas ma huwa l-każ illi l-Qorti tal-Maġistrati straħet biss fuq ix-xhieda ta' Vella u Spagnol.

Il-Qorti tiddeplora l-attentat tar-rikorrent li jitfa dell ikrah fuq il-Kummissarju tal-Pulizija u l-membri tal-Iskwadra kontra l-Vizzju tad-Droga b'allegazzjonijiet dwar kif ittieħdu l-istqarrijiet ta' dawn ix-xhieda u saħansitra anke jallega li għandhom xi motiv ulterjuri jew li kien hemm xi ftehim illeċitu mal-prosekuzzjoni. Dan il-fatt bl-ebda mod ma ġie provat u m'huwiex aċċettabbli għal din il-Qorti li r-rikorrent ifajjar allegazzjonijiet bħal dawn mingħajr l-icken bażi fattwali.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn tiddisturba l-konlużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati u ċertament ma ssibx illi ġie leż id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq minħabba l-applikazzjoni fil-konfront tiegħu tal-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Naturalment isegwi wkoll illi dan l-artikolu ma jilledix id-drittijiet fondamentali tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent billi tiddikjara li n-nuqqas ta' notifika jew komunika lid-difiża tan-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata mill-prosekuzzjoni fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar illeda d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq u proċess ġust in kwantu li d-difiża ma kellhiex l-opportunità li tirribatti s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.

   Bħala rimedju din il-Qorti qiegħda tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar tad-19 ta' Ġunju 2007 u tirrinvija l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża terġa tiġi deċiża mill-ġdid mill-istadju wara l-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tat-8 ta' Mejju 2006 b'dan illi jekk fl-ewwel appuntament li jerġa jiġi ffissat mill-Qorti tal-Maġistrati ma jidhirx l-imputat jew l-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tkunx qiegħda tonqos jekk tgħaddi għas-sentenza jew dak inhar stess jew fl-ewwel differiment wara dak l-ewwel appuntament.

   Il-Qorti qiegħda tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tiġi nserita fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar.

2. Tiċħad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u nofs mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG